MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 663/2011

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anna Agius u l-istess Anna Agius (ID No.939050-M)**

**vs**

1. **Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
2. **Kunsill Lokali Marsaskala**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi s-somma ta' hames mija u ewro u sitta u sebghin centezmu (€501.76c) mitluba b'dan l-avviz tirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attrici Anna Agius, assigurata tas-socjeta' Atlas Insurance PCC Limited, u li ghalihom ghamlu tajjeb, in kwantu ghall-ammont ta' tlett mija sitta u tmenin ewro sitta u sebghin centezmu (€386.76c) is-socjeta' attrici Atlas Insurance PCC Limited, u in kwantu ghall-ammont ta' mija u hmistax-il ewro (€115) l-istess Anna Agius in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' incident awtomobilistiku illi sehh fi Triq iz-Zonqor, Marsaskala, fil-5 ta' Marzu, 2009 (Dok."A") meta waqt li l-attrici Anna Agius kienet ipparkjat il-vettura

taghha bin-numru ta’ registrazzjoni IBH-767, fl-imsemmija triq, waqa’ arblu li kellu sinjaletika stradali, ghal liema arblu l-konvenuti – jew min minnhom – kienu responsabbli. Ghaldaqstant, il-konvenuti – jew min minnhom – kienu unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u konsegwenzjali danni, rizultat ta’ negligenza, traskuragni u imperizja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Lulju, 2009, tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Novembru, 2009, u bl-imghax legali b’effett mill-10 ta’ Novembru, 2009 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita’ konvenuta, li permezz taghha eccepiet, (i) illi in linea preliminari u ghal kull buon fini, isem l-Awtorita’ konvenuta hija “Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta” u dan skont il-Kap 499 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni; (ii) Illi in linea preliminari, l-Awtorita’ konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur stante li t-triq li fiha sehh l-allegat incident ma taqax taht ir-responsabilita’ ta’ l-istess Awtorita’ konvenuta; (iii) Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita’ konvenuta mhiex il-legittimu kontradittur stante li l-istess Awtorita’ konvenuta mhiex responsabbli ghall-manutenzjoni ta’ l-arblu in kwistjoni; (iv) Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha ta' l-atturi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez; (v) Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut, li permezz taghha eccepixxa, (i) illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) illi minghajr pregudizzju l-ammont pretiz hu eccessiv u ingustifikat. Illi m’ghandux x’jirrispondi ghal kwalsiasi danni stante li d-danni huma rizultat ta’ *casus* (*force majeure*).

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu l-atturi talbu korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, in kwantu fejn hemm indikat “Awtorita’ dwar it-Trasport f’Malta” jigi sostitwit bil-kliem “Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta”. Ra d-digriet tieghu li permezz tieghu laqgha t-talba, u ordna li ssir id-debita korrezzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici Anna Agius iddikjarat illi fil-5 ta' Marzu, 2009, kellha l-vettura taghha, bin-numru ta' registrazzjoni IBH-767 parkeggjata fi Triq iz-Zonqor, Marsascala, fejn fil-fatt tghix. Iddikjarat ukoll illi fil-vicinanzi ta' fejn kienet tghix l-istess attrici kien qed isir xoghol ta' zvilupp u kostruzzjoni, u li waqt li kienu ghaddejjin dawn ix-xogholijiet, twahhlu *traffic lights* sabiex jirregolaw it-traffiku partikolarment meta jkunu gejjin xi *trucks* minn dan is-sit ta' kostruzzjoni. Illi oltre li twahhlu dawn it-*traffic lights*, twahhal ukoll arblu b'sinjal mieghu li javza dwar dawn it-*traffic lights*. Illi kien dan l-arblu bis-sinjal mwahhal mieghu illi waqa' fuq il-vettura taghha u kkawza l-hsara lmentata f'din il-kawza. Illi meta l-attrici rat dak li kien gara, hi avvicinat lill-Kunsill Lokali, izda hi giet informata minn ufficjal fi hdan il-Kunsill in kwistjoni illi ma kellu ebda konnessjoni ma' dan l-arblu, u ghalhekk issuggerewlha illi taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, kif fil-fatt ghamlet. Illi l-Ufficjal tal-Pulizija ma' min sar ir-rapport rat il-hsara li garrbet il-vettura tal-attrici. Illi l-attrici ghamlet claim mal-assigurazzjoni taghha, u hallset *excess* fl-ammont ta' mija u hmistax-il ewro (€115), u l-vettura tal-istess attrici giet riparata. Iddikjarat ukoll illi eventwalment it-*traffic lights* tnehhew meta gie konkluz l-izvilupp, u l-arblu bis-sinjal ma regax twahhal f'postu u gie mnehhi.

Illi s-surveyor inkarigat mis-socjeta' attrici kkonferma illi hu wettaq spezzjoni tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBH-767, u osserva xi grif u *dents* f'diversi partijiet fuq in-naha tax-xellug tal-vettura, liema sinjali kienu kompatibbli mad-deskrizzjoni tal-akkadut li kien inghata mill-assigurazzjoni, u cioe' illi kien waqa' arblu u li dan kien laqat il-vettura in kwistjoni. Illi dan is-survey sar fis-17 ta' Marzu, 2009, wara li rcieva struzzjonijiet minghand l-assigurazzjoni sabiex iwettaq dan is-survey fis-16 ta' Marzu, 2009.

Illi s-Sindku tal-Kunsill konvenut iddikjara illi Triq iz-Zonqor, Marsascala tifforma parti mit-teritorju ta' Marsascala, u ghalhekk taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill konvenut. Illi konsegwentement l-istess Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-installazzjoni u manutenzjoni ta' tabelli fit-toroq amministrati minnha, salv ghal dawk ic-cirkostanzi fejn ikun mehtieg illi tigi sottomessa applikazzjoni ma' Transport Malta. Illi l-Ufficjal tal-Pulizija

li maghha sar ir-rapport dwar il-hsara lmentat mill-attrici ddikjarat illi hi rat il-hsara fil-vettura in kwistjoni dakinhar stess illi sar ir-rapport.

Illi r-rapprezentant tal-Awtorita’ konvenuta ddikjara illi t-Triq fejn sehh l-incident, u cioe’ Triq Zonqor, Marsascala, la hija triq arterjali u lanqas distributorja, u ghalhekk l-Awtorita’ konvenuta m’hix responsabbli ghall-amministrazzjoni taghha. Illi inoltre, il-Perit Testaferrata di Noto, responsabbli mit-Traffic Management Unit fi hdan l-Awtorita’ konvenuta ddikjarat illi t-*traffic lights* li dwarhom gie mwahhal is-sinjal in kwistjoni kienu in konnessjoni ma’ progett privat ta’ zvilupp li kien qed isir fl-inhawi maghrufa bhala ‘Ta’ Monita’, liema progett kien qed jigi mmexxi minn EM Architects. Illi t-*traffic lights* in kwistjoni gew installati mill-Works Division u dan wara li l-Awtorita’ tat l-awtorizazzjoni mehtiega. Dwar is-senjaletika relattiva ghal tali installazzjoni, din kienet ir-responsabilita’ tal-kuntratturi u Periti nkarigati mit-twettiq u sorveljanza ta’ dan il-progett ta’ zvilupp. Illi minhabba n-natura temporanja ta’ dawn it-*traffic lights* u s-senjaletika relattiva, kienu ser ikunu responsabbli ghalihom l-persuni jew entitajiet nvoluti fit-twettiq tal-progett in kwistjoni. Illi fi kwalunkwe kaz, dan is-sinjal li huwa l-mertu ta’ din l-azzjoni ma hux responsablita’ tal-Awtorita’ konvenuta, ghaliex ma giex installat minnha.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar hsara li garrbet l-assigurata tas-socjeta’ attrici fil-vettura proprjeta’ taghha, ghal-liema hsara rrimedjat is-socjeta’ atrici wara li l-istess attrici ressqet il-*claim* opportuna. Illi l-hsara li garrbet l-attrici fil-vettura proprjeta’ taghha kien konsegwenza ta’ arblu, b’sinjal imwahhal mieghu, li nqala’ minn postu u waqa’ fuq il-karozza taghha, bil-konsegwenza li din ingirfet u anke kien fiha xi ghafsiet fuq in-naha tax-xellug taghha fejn waqa’ l-istess arblu, u dan kif jidher fir-ritratti li jinsabu a fol. 35 u 36 tal-atti. Illi l-kontestazzjoni principali tal-Awtorita’ konvenuta hija fis-sens li m’hix il-legittimu kontradittur, in kwantu l-arblu in kwistjoni ma twahhalx minnha, u lanqas it-triq li fih twahhal l-imsemmi arblu ma taqax taht ir-responsabilita’ tal-istess Awtorita’, izda taht ir-responsabilita’ tal-Kunsill konvenut. Illi dan l-istat ta’ fatt gie kkonfermat mis-Sindku tal-Kunsill konvenut, u jirrizulta wkoll mill-Pjan ta’ Struttura imhejji mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (a fol.67 *et seq* tal-atti). Illi rrizulta ulterjorment illi l-arblu in kwistjoni gie mwahhal bl-awtorizazzjoni tal-Awtorita’ konvenuta in konnessjoni ma’ progett privat ta’ zvilupp li kien qed jigi mwettaq fil-vicinanzi, u li dan l-arblu – li kien jindika li kien

hemm it-traffic lights fil-vicinanzi – kien gie mwahhal temporanjament ghaz-zmien kemm kien ser idum ghaddej il-progett ta’ zvilupp imsemmi.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax daqstant car x’wassal sabiex dan l-arblu inqala’ minn postu, u filwaqt li l-attrici ddikjarat illi dan ma kienx imwahhal sew ghaliex ftit li xejn kien hemm cement sabiex izommu f’postu fil-hofra li kien gie mwahhal fiha, il-Kunsill konvenut jallega illi dan inqala’ minn postu minhabba raguni fortuwita, minghajr ma jelabora dwar x’setghet kienet ir-raguni, u li ghalhekk il-Kunsill konvenut m’ghandux jigi ritenut responsabbli ghall-hsara li rrizultat fil-vettura parkeggjata meta dan l-arblu inqala’ minn postu u waqa’ ghal fuqha.

Illi l-Artikolu 7(j) tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi “*...l-Awtorita’ ghandu jkollha s-setghat u l-funzjonijiet li gejjin specifikament b’konnessjini mat-toroq u trasport stradali: ... (j) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-traffiku fit-toroq, marki fit-toroq u mizuri ghall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta’ apparat ghall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jahdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta’ stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta’* cameras *tal-velocita’ u facilitajiet ohra tat-traffiku fit-toroq ghal skopijiet ta’ immaniggar u kontroll tat-traffiku* ...”. Illi ghalhekk jirrizulta b’mod inekwivoku illi t-traffic lights, li dwarhom gie mwahhal l-arblu in kwistjoni, setghu jigu installati biss bl-awtorizazzjoni u approvazzjoni tal-Awtorita’ konvenuta. Madanakollu, u ghalkemm dawn gew imwahhla mill-Works Department, li dak iz-zmien kien jaqa’ taht ir-responsabilita’ tal-Malta Resources Authority, dawn kienu intizi bhala mizura temporanja waqt illi kien ghaddej il-progett ta’ zvilupp fl-inhawi maghrufa bhala ‘Ta’ Monita’, u ghalhekk gew installati a spejjez tal-entita’ li kienet responsabbli mit-twettiq tal-progett, tant illi eventwalment meta l-progett ta’ zvilupp gie kompletat, dawn it-*traffic lights* gew imnehhija.

Illi l-Artikolu 33 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi: “*... l-funzjonijiet ta’ kull Kunsill Lokali jkunu (a) li jipprovdi biez tinzamm fi stat tajjeb u ghall-manutenzjoni ta’, jew titjib fi, kull triq jew mghodija, li ma tkunx proprjeta’ privata: ... (d) li jipprovdi u jzomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skond livelli nazzjonali u internazzjonali ...”.* Illi m’hemm ebda dubju illi l-arblu li nqala’ minn postu u waqa’ ghal fuq il-vettura proprjeta’ tal-attrici assigurata mas-socjeta’ attrici kien wiehed minn tali sinjali tat-toroq. Madanakollu, irrizulta wkoll illi tali arblu b’sinjal imwahhal mieghu, ma giex installat mill-Kunsill konvenut, izda mill-*Works Division* fuq rikjesta ta’ entita’ privata li kienet qed

twettaq progett privat ta’ zvilupp fl-inhawi in kwistjoni. Illi rrizulta wkoll illi dan l-arblu ma regax gie mwahhal f’postu, u anke t-*traffic lights* li ghalihom kien jaghmel referenza is-sinjal in kwistjoni, eventwalment tnehhew wkoll.

Ikkunsidra,

Illi ghalkemm sinjali tat-toroq li jkunu gew imwahhla f’toroq li jaqghu taht ir-responsabilita’ tal-Kunsill koncernat ikunu wkoll responsabilita’ ta’ dak il-Kunsill - u cioe’ f’dak li jirrigwarda l-manutenzjoni u zamma taghhom fi stat tajjeb - irrizulta f’dan il-kaz li ghalkemm it-triq fejn twahhal dan l-arblu hija amministrata mill-Kunsill konvenut, is-sinjal in kwistjoni kien wiehed temporanju, u gie installat fuq rikjesta ta’ entita’ privata in konnessjoni ma’ progett privat li kien ghaddej f’dawk l-inhawi f’dak iz-zmien. Illi t-Tribunal jinnota illi ghalkemm din l-entita’ privata giet identifikata in forza ta’ skambju ta’ korrispondenza li ghaddiet bejn l-Awtorita’ konvenuta u din l-entita’ (a fol.72 *et seq* tal-atti), ma saret ebda talba minn ebda wiehed mill-partijiet kontendenti sabiex din l-entita’ tigi mharrka wkoll f’dawn il-proceduri. Illi ghalkemm il-Kunsill konvenut - fit-trattazzjoni li saret mill-abbli difensur tieghu - jikkontendi illi l-Kunsill konvenut m’ghandux jigi meqjus bhala l-legittimu kontradittur ghaliex l-arblu in kwistjoni ma giex installat minnu, u lanqas ma kien responsabbli ghaz-zamma tieghu, madanakollu, ma tressqet ebda eccezjoni f’dan is-sens mill-Kunsill konvenut, li llimita ruhu ghall-eccezzjonijiet dwar il-*quantum* tat-talba in kwantu l-ammont reklamat huwa eccessiv, u n-nuqqas ta’ responsabilita’ ghad-danni li sofrew l-atturi stante li tali danni huma rizultat ta’ *casus*, ossia *force majeure*, minghajr ma ssostanzja ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet.

Illi t-Tribunal jinsab sodisfacentement konvint illi l-involviment tal-Awtorita’ konvenuta in rigward l-installazzjoni u manutenzjoni ta’ dan l-arblu kien biss l-ghotja ta’ awtorizazzjoni ghall-installazzjoni tal-istess, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jillibera lill-Awtorita’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju; madanakollu, u f’dak li jirrigwarda l-Kunsill konvenut, it-Tribunal huwa tal-fehma illi gialadarba l-arblu in kwistjoni gie installat fi triq li taqa’ taht ir-responsabilita’ tal-Kunsill konvenut, u l-istess Kunsill ghandu responsabilita’ illi jaccerta illi s-sinjali tat-traffiku li jitwahhlu fil-lokalita’ koncernata, ghandhom jinzammu fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni, rrispettivament minn jekk tali sinjali humhiex intizi ghal skopijiet temporanji, o meno, u dan b’applikazzjoni tal-Artikolu 33(d) tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta’ Malta, allura jsegwi illi l-Kunsill konvenut ghandu jirrispondi ghall-hsara li tirrizulta lil terzi konsegwenza

tan-nuqqasijiet fit-twettiq tal-obbligi tieghu. Illi fil-fehma tat-Tribunal kien jispetta lill-Kunsill konvenut illi jsostni t-tezi tieghu illi kienet l-entita' privata – li talbet l-installazzjoni ta' dan is-sinjal tat-traffiku – li kellha tiehu hsieb il-manutenzjoni u z-zamma adegwata ta' dan l-arblu; izda naqas milli jghamel dan. Illi ghalhekk, u fin-nuqqas ta' tali prova, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, li jinkludu responsabilita' fuq il-Kunsill konvenut li jaccerta li s-sinjali tat-traffiku fil-lokalita' in kwistjoni ghandhom jinzammu fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Illi dwar il-kontestazzjoni tal-Kunsill konvenut dwar il-*quantum* tat-talba attrici, liema ammont huwa sostanzjat bis-survey report (a fol.48 tal-atti), u r-ricevuti (a fol. 49 u 50 tal-atti), it-Tribunal iqis tali kontestazzjoni bhala mhux gustifikata, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jichadha.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet tal-Kunsill konvenut, u jordna lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u ewro u sitta u sebghin centezmu (€501.76c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-Kunsill konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------